# Ħtieġa ta' Pjan Strateġiku għall-Università

Ili ftit anqas minn ħames snin fid-dipartiment tal-Fiżika tal-Fakultà tax-Xjenza; ftit anqas minn hekk fis-Senat, u ftit xhur fil-Kunsill. Nixtieq għalhekk insemmi xi problemi li laqtuni, l-iżjed biex jibda jinħoloq forum ta' diskussjoni bejn l-Università u d-dinja politika-soċjali ta' madwarna.

Fil-Kunsill, li bażikament jiggverna l-Università, hemm maġġoranza ta' nies appuntati mill-Prim Ministru u minn ministri oħra (u issa anki fil-Fakultà tat-Teoloġija bil-ftehim Gvern-Vatikan). Dawn ikunu ġeneralment nies minn barra l-Università. Inħoss li wasal iż-żmien li din il-bixra tal-Kunsill tinbidel. Nies minn barra l-Università għandu jkun hemm, kemm biex il-Gvern ikollu ħjiel kif sejra l-Università kif ukoll biex dawn in-nies iwasslu fost il-poplu – li jħallas għall-Università – stampa ċara ta' kif taħdem. Madankollu, il-ħtieġa kbira li nara li għandu l-Kunsill hu li x-xogħol tiegħu jkun magħruf minn iżjed nies fl-Università stess, u li f'dan ix-xogħol ikollu element ta' oppożizzjoni kostruttiva, ħaġa li n-nies ta' barra l-Università ma jkollhomx żmien għaliha. Mingħajrha, tendenzi ta' nuqqas ta' trasparenza, ta' daqq ta' qanpiena waħda, ta' poteri fi ftit idejn ikunu diffiċli li trażżanhom.

Ta' min isemmi l-finanzi ta' l-Università. Naħseb li huwa fatt li anki sa issa għad ma hemmx dixxiplina finanzjarja kompleta fl-Università. Waqt li l-formulazzjoni tal-*budget* għamel progress kbir, għad baqa' xi elementi li għandhom jiġu rranġati. Per eżempju r-Rettur bħal *chairman* ta' kull bord ta' kull istitut illum jiddisponi personalment minn parti sinjifikanti tal-*budget* ta' l-Università. Min-naħa l-oħra, il-fakultajiet jintalbu *budget* dettaljat li sa fejn

---



EDWARD A. MALLIA ħa l-grad ta' Baċellerat tax-Xjenza fl-Università ta' Malta (Fiżika u Matematika). Wara mar jistudja l-Ingilterra fejn għamel kors ta' sentejn fil-Fiżika u wara kors ta' tliet snin li wassal għad-Dottorat fl-Astrofiżika mill-Università ta' Oxford. Baqa' jaħdem f'dan il-qasam tal-Fiżika sa l-1993. F'dik is-sena ġie lura Malta fejn dejjem kien baqa' jżomm ruħu infurmat fuq l-iżviluppi soċjali, edukattivi u politiċi. Mill-1983 sa l-1990, kien jgħallem il-Fiżika fl-iskola sekondarja tas-Sacred Heart f'San Ġiljan. Fl-1990 daħal bħala Associate Professor fid-Dipartiment tal-Fiżika ta' l-Università ta' Malta. Għamel żmien bħala Kap tad-Dipartiment tal-Fiżika u fuq is-Senat u l-Kunsill ta' l-Università. Interessi xjentifiċi preżenti: applikazzjoni ta' enerġija alternattiva.

jafu jkun injorat kważi kompletament. Kultant donnu qed jidher ukoll li b'nuqqasijiet relattivament żgħar ta' dixxiplina finanzjarja, l-Università mhux jirnexxilha tipperswadi 'l-Gvern li jagħtiha dak li teħtieġ. L-għotja ta' flus kull sena għandha tinbidel, f'waħda kull tliet snin. Inkella l-iżvilupp ta' l-Università ma jaqbadx pass tajjeb.

Żmien ilu kien sar ir-rapport minn Mr Michael Shattock, ir-reġistratur ta' l-Università ta' Warwick. Dan kellu forma ta' *strategic plan*, iżda twarrab għal raġunijiet xejn ċari. U waqt li l-Università meta warrbitu wiegħdet li se tagħmel pjan strateġiku tagħha, dan għadu ma wasalx fi stadju avvanzat sa fejn naf jien. Sa dan it-tant qed isiru numri ta' żviluppi li qajla jidhru li kienu ppjanati, ħafna drabi biex jissodisfaw ambizzjonijiet personali. Xi wħud minn dawn qegħdin jassorbu wisq riżorsi minn faċilitajiet ċentrali li jintużaw mill-Università kollha. L-aqwa fost dawn il-faċilitajiet hija l-librerija, li din is-sena qed tiffaċċja sitwazzjoni fejn il-flus lanqas ser ikopru l-inflazzjoni.

L-Università, kif qal Roger Ellul Micallef, għamlet numri ta' ftehim ma' Universitajiet oħrajn għal bidla ta' studenti u anki ta' staff. Dawn il-ftehim mhux dejjem ikunu utli wisq. Kellna każ riċenti fil-fakultà tax-xjenza fejn kellna bżonn nagħmlu użu minn ftehim u xi ħadd qalilna ma nistgħux għax jekk nibagħtu xi studenti aħna għas-spejjeż ta' Università oħra, imbagħad ikunu jridu jibagħtu studenti huma hawn għas-spejjeż tagħna u f'dan il-mument m'għandniex flus. Dnub li biex nakkomodaw membru ta' l-istaff *in odore di tangenti*, sibna flus.

Roger Ellul Micallef semma wkoll, il-problema ta' nies li jintbagħtu barra biex jagħmlu dottorat. Huwa veru li l-ispejjeż għad-dottorat (per eżempju fl-Ingilterra) saru esaġerati u ma nifilħux għalihom. Għalhekk nies qed imorru għal perjodi qsar biss barra minn Malta. Imma li din trid tinħadem bil-fors fuq bażi ta' riċerka li tinteressa d-dipartiment hawn Malta jew inkella ta' relevanza diretta għal Malta, naħseb li ċċekken l-imħuħ aktar milli twessagħhom. Għax fl-aħħar mill-aħħar meta wiehed imur jagħmel dottorat barra f'liema suġġett ikun, u f'liema parti ta' dan is-suġġett li tkun, suppost li meta jiġi lura jista' jadatta dak li għamel għal xogħol li huwa direttament relevanti għal Malta jew għall-anqas jista' jsir Malta. Biss ikollu l-esperjenza diretta ta' xogħol barra, fejn ikun għamel riċerka. U mingħajr dan, jidhirli li nerġgħu naqgħu f'sitwazzjonijiet fejn ħafna nies li kienu jmorru tliet snin barra biex jagħmlu riċerka fuq id-daqs ta' kullar li jilbsu l-qassisin Malta.

**Riċerka Xjentifika**

Hawnhekk, naħseb li la l-Università u lanqas il-gvernijiet ta' dawn l-aħħar għoxrin sena ma waslu għal xi soluzzjoni bilanċjata. Bejn in-nofs tas-Snin Sebgħin u dak tas-Snin Tmenin, gvern laburista ħatt ħafna mill-istrutturi

ta' l-Università fejn kienet issir xi forma ta' riċerka. U sa madwar l-1980 dan sar bl-ebda pjan serju iżda b'mod pjuttost opportunistiku, fil-ġlied li l-gvern kellu ma ċerti gruppi soċjali.

Il-gvern preżenti – ħafna drabi mhux bil-miftuħ – ta' sikwit juża ħafna mil-lingwaġġ tal-gvern laburista tas-Snin Tmenin. Per eżempju, waqqaf il-Kunsill Malti tax-Xjenza u t-Teknoloġija (MCST) li la ċ-*Chairman* u lanqas iċ-*Chief Executive* tiegħu ma huma xjenzati. Iċ-*Chairman* bħala Rettur ta' l-Università jista' jiddetermina x'riċerka ssir fl-Università, u jesiġi li din tkun, skond l-ideat tal-MCST, "riċerka li jeħtieġ il-pajjiż". B'danakollu, kien b'kumbinazzjoni li studenti ta' l-M.Sc. fil-Fakultà tax-Xjenza – fejn issir riċerka ta' valur dirett u indirett, kemm għall-pajjiż u kemm għat-*training* ta' l-istudent – ma tilfux l-istipendju. Kieku ġara hekk il-Fakultà kienet titlef dan it-tip ta' student u parti serja mill-*output* ta' riċerka. Kienu jkomplu jieħdu stipendju dawk biss li – ma ntqalx fil-fehma ta' min – kienu jinstabu li qed jagħmlu xogħol li għandu bżonn il-pajjiż.

Hu minnu li llum kemm il-Gvern u kemm l-Oppożizzjoni jaqblu li neħtieġu ħafna nies bi *training* fix-xjenza. Dan il-qbil fil-prinċipju ma jfissirx wisq fil-prattika – ngħidu aħna fuq politika (*policy*) ta' riċerka fl-Università. Min-naħa tal-Gvern/MCST hemm tendenzi għal politika totalitarja, fejn persuna waħda tiddeċiedi, tiddetta u toħloq jew trid tidher li toħloq politika għax-xjenza u t-teknoloġija. Fuq in-naħa l-oħra żgur li għad hemm it-tentazzjoni li tista' tinstab xi formula eżatta kif il-pajjiż ikollu bażi xjentifika strettament ikkontrollata u strettament "relevanti", li bħala magna għandha l-ħtiġijiet ta' l-industrija lokali.

Minnu li b'ekonomija bħal tagħna wieħed irid iqis sewwa l-flus li lest jagħti għar-riċerka, kif ukoll x'linji ta' riċerka ser jaġevola l-iżjed. Iżda biex fil-pajjiż jinbnew dawk is-sisien ta' kultura xjentifika meħtieġa biex inrawmu biżżejjed xjenzati, irridu nkunu lesti li nħallu spazju anki għal riċerka li forsi tidher li ma jkollhiex applikazzjoni immedjata. Kemm ikun wiesa' dan l-ispazju hi materja ta' diskussjoni bejn is-sieħba soċjali, diskussjoni li trid tibda bi ftehim li dan l-ispazju għandu jeżisti. L-esperjenza ta' kull sistema politika fil-pajjiżi żviluppati tgħallem li mingħajru l-għanijiet li semmejna qabel ma jintlaħqux.

Hawn Malta ftit hawn industrija bi programm ta' riċerka; hawn l-iżjed industrija li jinqalgħulha problemi li tkun trid issolvi l-lejla qabel għada. Din is-sura ta' talba ma tistax waħedha sservi biex tkattar programmi ta' riċerka fl-Università; iżda tista' tiġi milqugħa minn Università fejn hemm għaddejja riċerka ta' ċertu livell. Fil-preżent din it-tip ta' *interaction* bejn riċerka fl-Università u bejn l-industrija, bdiet tiżviluppa.